MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 2/2008

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**David Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrent David Debono fit-28 ta' Dicembru 2007 fejn wara li gie notifikat b'ittra ufficjali numru 6783/07 fl-ismijiet Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs David Debono pprezentata fit-3 ta' Dicembru 2007 wiegeb bir-rikors odjern fejn iddikjara illi t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet tinsab preskritta ai termini tal-ligi, u dana fl-isfond ta' l-Artikolu 2156(C) tal-Kodici Civili, Kap 16.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn espona illi:

Din l-Onorabbli Qorti, allokat zmien sas-seduta tat-3 ta' Gunju 2008 sabiex l-esponent jipprezenta r-risposta tieghu.

Illi l-pretenzjonijiet ta' l-intimat fil-konfront ta' l-esponent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn ghandhom jigu michuda stante illi:

i. Il-kirja ta' l-art mikrija lill-intimat giet itterminata permezz tad-Dikjarazzjoni tal-President fl-Avviz Nru 540 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Lulju 1999 ai termini tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, liema kopja qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok KA 1, u ghalhekk ghaz-zmien kollu precedenti din id-data l-kirja kienet ghadha in vigore u b'hekk anke l-kera kienet dovuta.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tichad it-talbiet ta' l-intimati, tiddikjara li l-ammont huwa dovut u tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Dan ir-rikors huwa konsegwenza ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija li giet prezentata ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 fejn fin-nuqqas ta' hlas jew oppozizzjoni da parti ta' l-intimat l-imsemmi talba ssir ezekuttiva u ghalhekk l-intimat David Debono oppona t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet u pogga quddiemu l-ostakolu tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156(C) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jippreskrivi azzjonijiet ghall-hlas ta' kera ta' bini jew ta' raba' bl-eghluq ta' hames snin.

Ir-rikorrent xehed illi huwa kien fil-kera tar-raba' maghrufa bhala "Olive Grove", Girdle Road, Zabbar u sakemm kien qieghed jokkupa dan il-fond dejjem hallas il-kera. Din pero' giet terminata permezz ta' dikjarazzjoni tal-President

pubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Lulju 1999. Qabel dan kien pero' diga' vvaka l-fond u probabbilment hareg ghal habta tal-1998. Minn dak iz-zmien qatt ma rcieva xejn minghand il-Kummissarju ta' l-Artijiet hlief l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2007. Skond estratt tal-*ledger* ipprezentat mill-Kummissarju ta' l-Artijiet Dokument SG 1 jidher li l-ahhar darba li David Debono hallas xi kera kien fl-1 ta' Settembru 1995. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi anke jekk tiehu inkonsiderazzjoni d-dikjarazzjoni tal-President kif pubblikata fit-22 ta' Lulju 1999 it-talba tal- Kummissarju ta' l-Artijiet hi ormai preskritta peress illi minn dak iz-zmien sa l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2007 ghaddew aktar minn hames snin.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi milli tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara t-talba tal-Kummissarju ta' l-Artijiet kif kontenuta fl-ittra ufficjali numru 6783/07 fl-ismijiet Kummissarju ta' l-Artijiet vs David Debono ipprezentata fit-3 ta' Dicembru 2007 bhala preskrittra. Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju ta' l-Artijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------